MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Rikors Numru. 49/2012

**Sandra Falzon u Brian Falzon**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Sandra Falzon u Brian Falzon fid-19 ta' April 2012 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li kull talba mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal aktar hlas minghandhom ta' bolla, taxxa, penali u interessi rigward il-Kaz Numru IV119120 hija nulla u bla blazi u biex ghaldaqstant id-Dipartiment jirrivedi b'mod finali l-pozizzjoni tieghu fil-konfront taghhom rigward il-Kaz Numru IV119120, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li d-

decizjoni mehuda minnu fil-konfront taghhom u l-Likwidazzjoni minnu maghmula huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra l-affidavits ta' George Falzon u ta' Mario Rosso esebiti permezz ta' Notaipprezentata fl-14 ta' Gunju 2012 markati Dok. "GF" a fol. 20 tal-process u Dok. "MR" a fol. 21 tal-process, sema' x-xhieda ta' Sandra Falzon moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju 2012[1], ix-xhieda ta' Ivan Portelli moghtija waqt is-seduti tat-18 ta' Ottubru 2012[2] u tat-22 ta' Jannar 2013[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu ilkoll flimkien markati Dok. "IP1" a fol. 39 sa' 50 tal-process, sema' ix-xhieda tal-Perit Conrad Thake moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2012[4], ra l-affidavit ta' Carmel Conti esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota ipprezentata fit-22 ta' Jannar 2013 u markat Dok. "CC" a fol. 64 tal-process u sema' ix-xhieda ta' Karmenu Briffa moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2013[5];

Ra d-dokumenti a fol. 28 sa' 32 tal-process, il-kuntratt ta' self u bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena datat 9 ta' Ottubru 2008 a fol. 34 sa' 38 tal-process u ra d-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2013 markati Dok. "RA" sa' Dok. "RA4" a fol. 71 sa' 76 tal-process;

Ra li b'Digriet moghti fit-18 ta' Gunju 2012 giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi l-kliem "et al" jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "u Brian Falzon";

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

---

[1] Fol. 23 u 24 tal-process.
[2] Fol. 55 sa' 60 tal-process.
[3] Fol. 68 u 69 tal-process.
[4] Fol. 51 sa' 54 tal-process.
[5] Fol. 65 sa' 67 tal-process.

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti Sandra Falzon u Brian Falzon qed jikkontestaw il-Likwidazzjoni bil-Kont Nru. IV119120 mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghall-aggravju li kwalunkwe talba da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal hlas ta' bolla, taxxa, penali w interessi in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond "Villa Ecklandhaus" Triq iz-Zugraga kantuniera ma' Triq l-Arkati, Imriehel, Birkirkara, hija nulla u bla bazi, u jitolbu li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni jigi ordnat jirrivedi b'mod finali l-posizzjoni tieghu fir-rigward ta' l-imsemmija Likwidazzjoni mahruga kontra taghhom. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum maghruf bhala Direttur Generali (Taxxi Interni), jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jikkontendi li d-decizjoni tieghu u konsegwenti Likwidazzjoni mahruga kontra taghhom huma gusti u saru skond il-Ligi.

Waqt is-smigh tal-proceduri rrizulta li r-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 15 ta' Lulju 2011[6] u l-konsegwenti Likwidazzjoni bin-Numru IV119120[7] datata 19 ta' Lulju 2011 gew notifikati lir-Rikorrenti fit-**22 ta' Lulju 2011**[8] izda huma pprezentaw ir-Rikors quddiem dan it-Tribunal ai termini ta' l-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta fid-**19 ta' April 2012**, ossia ben oltre t-terminu ta' tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ta' Rifjut u tal-Likwidazzjoni relattiva prefiss fil-Ligi. Minn dan jidher ghalhekk illi l-appell tar-Rikorrenti mir-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-konsegwenti Likwidazzjoni bin-Numru IV119120 huwa null in kwantu *fuori termine*.

Ghalkemm id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma jidhirx li ssolleva din il-pregudizzjali fir-Risposta tieghu ghall-appell tar-Rikorrenti, it-Tribunal deherlu li kellu jissollevaha *ex officio* in kwantu l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma

[6] Fol. 48 sa' 50 tal-process.
[7] Fol. 46 u 47 tal-process.
[8] Fol. 30 tal-process.

jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula[9].

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, *it-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jiehu d-decizjoni tieghu ghandu jkun wiehed ragonevoli skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Id-decizjoni ghandha tinghata kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva*, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan il-kaz huwa iktar opportun – u dana anke minhabba kwistjoni ta' spejjez li jistghu jigu inkorsi fis-smigh ta' dawn il-proceduri – li qabel ma jkompli jittratta l-mertu ta' dawn il-proceduri jaghti decizjoni dwar it-tardività o meno ta' l-appell pprezentat mir-Rikorrenti mir-Rifjut u konsegwenti Likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni).

Qabel ma jidhol fil-kwistjoni dwar it-tardività o meno ta' l-appell in ezami, it-Tribunal irid jippuntwalizza li bl-Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom*

[9] Paul W. Cassar et v. Victoria Tabone et, Appell Civili Nru. /99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Marzu 2003.

*ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxi Interni)*[10]*. … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…*

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi*[11]. B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija

[10] Sottolinear tat-Tribunal.
[11] Sottolinear tat-Tribunal.

ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Fid-dawl ta’ tali ekwivalenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bejn id-desinjazzjoni “Kummissarju tat-Taxxi Interni” u “Direttur Generali (Taxxi Interni)” jirrizulta b’mod car li nonostante d-delega mwettqa bl-Ordni ppublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012, ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri odjerni.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi determinat jekk l-appell tar-Rikorrenti mir-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 15 ta’ Lulju 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni bin-Numru IV119120 datata 19 ta’ Lulju 2011, huwiex tardiv o meno.

Ir-Rikorrenti ma humiex qed jikkontestaw il-fatt li l-appell taghhom gie intavolat iktar minn tletin gurnata wara n-notifika tar-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 15 ta’ Lulju 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni bin-Numru IV119120 datata 19 ta’ Lulju 2011, izda jikkontendu li kien il-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess li dderigihom biex jipprezentaw l-appell odjern u ghalhekk l-istess ghandu jigi accettat bhala validu minn dan it-Tribunal. Jikkontendu wkoll li meta rcevew l-Avviz tal-Likwidazzjoni bin-Numru IV119120 imkien fiha ma kien hemm spjegat il-procedura li kellha tigi segwita f’kaz ta’ kontestazzjoni tal-Likwidazzjoni da parte taghhom.

Filwaqt illi d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jikkontesta l-allegazzjoni tar-Rikorrenti li ma’ l-Avviz ta’ Likwidazzjoni bin-Numru IV119120 ma kienx hemm istruzzjonijiet dwar il-procedura li kellha tigi adottata f’kaz li riedu jikkontestaw dik il-Likwidazzjoni[12], mix-xhieda li taw Carmel Conti u Karmenu Briffa jirrizulta li min-naha tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux talli ma kienx hemm oggezzjoni li jigi ntavolat l-appell odjern ghad illi kien skada t-terminu prefiss fil-Ligi, talli nghatat koncessjoni specifika f’dan is-sens fid-dawl tal-fatt li l-Ligi kienet ghadha kemm giet emendata u l-kompetenza precedentement vestita fil-Bord

[12] Xhieda moghtija minn Ivan Portelli in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) waqt is-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2012 a fol. 55 sa’ 60 tal-process.

ta' Kummissarji Specjali giet trasferita ghal fuq it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

F'dan ir-rigward Carmel Conti, Kummissarju tat-Taxxi Interni bejn Novembru 2008 u Jannar 2012, xehed illi *gejt involut fil-kwistjoni tal-kont numru IV 119120 mahrug fuq Sandra Falzon (I.D. 576176M) wara li s-sinjuri Falzon ilmentaw mal-Ministeru li ma kienux inghataw cans iressqu l-kaz taghhom quddiem it-Tribunal, ghalhekk intlabt sabiex nara ftit il-kaz. Il-kaz jirrigwarda t-trasferiment ta' Villa Ecklandhaus, Triq iz-Zugraga, kantuniera ma' Triq l-Arkati, Imriehel, Birkirkata, liema trasferiment kien sar fid-9 ta' Ottubru 2008. Wara dan jien tlabt lis-Sur Carmel Briffa, li hu d-Direttur tal-Capital Transfer Duty Division, biex jaghtini informazzjoni fuq dan il-kaz partikolari biex inkun naf il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Minn dak li rajt deher li s-sinjuri Falzon kienu nieqsa ghal kollox minn gharfien dwar il-proceduri li kien hemm bzonn jiehdu biex jissalvagwardaw il-pozizzjoni taghhom. Minflok ma ghamlu appell formali kontra r-Rifjut kif preskritt, is-sinjuri Falzon kienu ghamlu semplici ittra ta' oggezzjoni entro z-zmien li fih seta' jsir l-appell. Fil-fatt ir-Rifjut tad-Dipartiment kien gie servut lil Falzon fit-22 ta' Lulju 2011 u t-twegiba taghhom ghalih dahlet fid-Dipartiment fid-29 ta' Lulju 2011, jigifieri fi zmien gimgha. Jigifieri fis-sustanza l-intenzjoni taghhom kienet li jirribattu r-rifjut imma l-forma li uzaw ma kenitx ezatta. F'dan l-istadju kien ikun opportun kieku s-Sinjuri Falzon kellhom jinghataw opportunità jipprezentaw il-kaz taghhom quddiem it-Tribunal ladarba (a) huma kienu sostanzjalment appellaw kontra r-rifjut billi baghtu ittra/oggezzjoni lid-dipartiment b'ragunijiet ghaliex ma kienux qed jaqblu ma' l-istima mahruga kontra taghhom, u kienu ghamlu dan entro t-terminu rikjest mil-ligi; u (b) peress li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien ghadu fil-bidu tieghu – fil-fatt kien ghamel l-ewwel seduta tieghu f'Jannar 2011 – u jista' jkun f'mohh il-pubbliku kien ghadu mhux car kif u fejn ghandu jsir appell kontra Rifjut peress li sa ftit xhur qabel l-appell kien isir b'mod differenti u jigi intavolat f'post differenti. Kien ghal dawn ir-ragunijiet li jien tajt struzzjonijiet biex jibghatu ghalihom u jispjegawlhom kif jappellaw mill-gdid u jinghataw*

*opportunità ohra. Fil-fatt l-Assistent Direttur kien baghat ghas-sinjuri Falzon, spjegalhom personalment x'kellhom jaghmlu u wara dan fil-fatt issottomettew l-appell kontra r-Rifjut quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva*[13].

Dak affermat minn Carmel Conti gie kkonfermat minn Karmenu Briffa, Direttur tal-Capital Transfer Duty Division, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2013[14] kif ukoll mid-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) bin-Nota ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2013[15], senjatament mil-ittra mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (Capital Transfer Duty Branch) lir-Rikorrenti Sandra Falzon datata 7 ta' Frar 2012[16].

Ghalkemm mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li f'dan il-kaz id-Direttur Generali (Taxxi Interni) ma huwiex qed jikkontesta l-validità ta' l-appell tar-Rikorrenti ghaliex tardiv, it-Tribunal assolutament ma jistax jaccettah bhala validu ghas-segwenti ragunijiet.

Jibda biex jigi osservat illi t-terminu ghall-prezentata ta' appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), stabbilit fil-Ligi – senjatament fl-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa terminu ta' ordni pubbliku u kwindi mhux derogabbli jew tali li jista' jigi estiz jew sanat. Fi kwalunkwe kaz, fil-kaz in ezami ma tirrizulta ebda cirkostanza li b'xi mod tista' tiggustifika estensjoni ta' tali terminu. In effetti ghalkemm Carmel Conti ibbaza l-posizzjoni li ha d-Dipartiment fuq il-fatt li fl-2011 dan it-Tribunal kien ghadu kemm beda jopera u jzomm seduti, jirrizulta li l-kontestazzjoni tar-Rikorrenti mir-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwenti Likwidazzjoni mahruga kontra taghhom lanqas kienet fil-forma preskritta fil-Ligi <u>qabel</u> ma dahlu fis-sehh l-emendi introdotti bl-Avviz Legali 245 ta' l-2009, li incidentalment dahal fis-sehh fl-1 ta' Settembru 2009 jigifieri zmien qabel ma inhargu r-Rifjut u konsegwenti Likwidazzjoni mill-Kummissarju tat-Taxxi

[13] Affidavit ta' Carmel Conti a fol. 64 tal-process.
[14] Fol. 65 sa' 67 tal-process.
[15] Dok. "RA" sa' Dok. "RA4" a fol. 71 sa' 76 tal-process.
[16] Dok. "RA4" a fol. 77 tal-process.

Interni fil-konfront taghhom. Qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emendi introdotti bl-Avviz Legali 245 ta' l-2009 appell minn stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien isir quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali bil-prezentata tal-Formula opportuna, izda f'dan il-kaz ir-Rikorrenti semplicement illimitaw ruhhom li jressqu ittra ta' oggezzjoni quddiem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni stess. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jigi ribadit li ma kien hemm ebda raguni valida li b'xi mod setghet tiggustifika estensjoni tat-terminu ghall-prezentata ta' appell mir-Rifjut u konsegwenti Likwidazzjoni mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrenti.

Fi kwalunkwe kaz jigi osservat illi anke kieku stess tali estensjoni setghet b'xi mod tigi gustifikata, xorta wahda r-Rikorrenti naqsu milli josservaw it-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi imma pprezentaw l-appell odjern meta dehrilhom huma.

Ir-Rikorrenti gew infurmati bir-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni (Capital Transfer Duty Branch) li *should you wish to proceed in contesting this claim you can do so by filing a court application (Rikors) before the Tribunal for the Administrative Review (ART). This in accordance with Art. 58 of the Duty on Documents and Transfers Act (Kap.364)*, b'ittra datata **7 ta' Frar 2012**[17] izda ghal xi raguni inspjegabbli huma pprezentaw ir-Rikors odjern fid-**19 ta' April 2012**, ossia iktar minn xahrejn wara d-data ta' dik l-ittra.

L-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li *kull persuna illi thoss ruhha aggravata b'likwidazzjoni u ma tkunx ftehmet mal-Kummissarju dwar l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas kif provdut fl-artikolu 56(1), tista' taghmel appell lit-Tribunal fi zmien* ***tletin gurnata*** *mid-data tan-notifika lilha ta' avviz tar-rifjut tal-Kummissarju li jemenda l-likwidazzjoni kif mitlub.*

Kif diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali, inkluz f'sentenzi rigwardanti appelli minn stimi mahruga mill-

[17] Dok. "RA4" a fol. 77 tal-process.

Kummissarju tat-Taxxi Interni jew mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, *meta l-ligi tippreskrivi li certi atti ghandhom isiru f' certi termini, dawk it-termini, in kwantu perentorji, ghandhom jigu osservati ad unguem, ghax, fin-nuqqas, dak l-att ma jistax jitqies ritwali u jitqies li ma giex ipprezentat. Din is-sanzjoni hi intiza li tikkolpixxi kondotta processwali volontarja u kolpevoli ghall-inkurja u negligenza ta' l-osservanza tat-termini statutorji stabbiliti. Dan hu hekk anke taht il-Kodici ritwali quddiem il-Qrati, in kwantu kif jinsab ritenut "under that Code and in general practise of our Courts, times allowed for entering an appeal have always been considered as mandatory, whether they are expressly stated to be peremptory or not" (Kaz. Nru. 85, Appell mill-Bord ta' Kummissarji Specjali, 5 ta' Marzu 1971). Li jfisser, in linea ta' massima generali, illi t-terminu, la darba skadut, ma jistax jigi prorogat, estiz jew sanat mill-Bord … "L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizulta lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio. Una volta l-adezjoni jew ir-rinunzja tal-parti opposta ma tistax tissana d-difett procedurali hu ghal kollox immaterjali jekk din l-eccezzjoni tkunx jew le giet sollevata mill-parti l-ohra. In-nullita` tattakka l-att fih innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun migjuba a konoxxenza taghha[18].*

It-Tribunal assolutament ma jistax jinjora l-principji guridici appena citati u fic-cirkostanzi ghalhekk necessarjament ghandu jsib li r-Rikors intavolat mir-Rikorrenti mir-Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 15 ta' Lulju 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni bil-Kont Nru. IV119120 datata

---

18 John Azzopardi (J.A. Trading) v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 16/06 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' April 2007.

19 ta' Lulju 2011, fid-19 ta’ April 2012 huwa null in kwantu tardiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kaz billi jiddikjara r-Rikors intavolat mir-Rikorrenti fid-19 ta’ April 2012 null in kwantu gie pprezentat *fuori termine*.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------